MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 64/2003/1

**Frank Borg**

**vs**

**Carmen Bajada**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Settembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm895.60) rappresentanti danni sofferti mill-attur in konsegwenza ta' incident awtomobilistiku bejn il-vetturi Audi bin-numru ta' registrazzjoni GAH 887 misjuqa mill-attur u Seat Ibiza

numru ta' registrazzjoni GAM 479 misjuqa mill-konvenuta fi Triq Santu Pietru, Gharb, Ghawdex fis-sitta ta' fil-ghaxija fil-wiehed u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (21.5.2002) ghall-liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi l-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas anke permezz ta' Ittra Legali tal-25 ta' Gunju 2002 u Ittra Ufficjali tal-5 ta' Mejju 2003 izda dan inutilment;

Bl-ispejjez, ta' Ittra Legali tal-25 ta' Gunju 2002 u Ittra Ufficjali tal-5 ta' Mejju 2003, liema ittra ufficjali giet notifikata lill-kumpanija assiguratrici AXA Assurances ghal kull fini u effett tal-ligi; bl-imghaxijiet u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni kompetenti lill-attur skond il-Ligi;

Il-konvenuta ingunti ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi l-esponenti ma tahtix ghall-incident de quo u l-htija ghandha tigi akkollata principalment lill-attur u ghaliex l-incident sehh tort u htija kemm tal-attur u tal-konvenuta u dan peress illi ghalkemm fil-mument tal-habta kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu fuq il-crown of the road, fil-mument illi z-zewg sewwieqa setghu jindunaw b'xulxin kien l-attur illi kien qieghed isuq fuq in-naha l-hazina (wrong side) tat-triq. Naturalment meta is-sewwieqa ghafsu l-brakes, il-vetturi baqghu mexjin linja dritta; u peress illi fl-inhawi it-triq fiha liwja lejn ix-xellug fid-direzzjoni li fiha kienet issuq il-konvenuta iz-zewg vetturi spiccaw pjuttost fuq il-*crown of the road*. Dan pero' ma jistax inehhi mill-fatt illi originarjament kien l-attur illi qieghed isuq fuq il-karreggjata tal-esponenti u jimblokkalha il-karreggjata. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur ghaliex infondati fid-dritt u fil-fatt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra l-kontro-talba:

“Peress illi l-incident de quo gara unikament tort u htija tal-attur, illi kien qieghed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk kien qieghed jostakola l-karreggjata tal-konvenuta u holqilha sitwazzjoni subitanja, b’mod illi l-konvenuta ma setghatx tevita l-incident, u ghalkemm brejkjat ma kienx fadal distanza sufficjenti sabiex iz-zewg vetturi jieqfu minghajr ma jahbtu ma’ xulxin.

Ghid inti attur ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal jiddikjarak unikament responsabbli ghall-incident imsemmi, u jikkundannak thallas lill-konvenuta id-danni kollha sofferti minnha tort ta’ dan l-incident.”

Sema’ l-provi mressqa mill-partijiet kontendenti;

Acceda fuq il-post tal-incident biex seta’ jiehu konjizzjoni diretta tal-istess;

Ikkunsidra:

Illi l-fatti konnessi mal-incident huma dawn:

1. L-incident sehh fi Triq Santu Pietru li tghaddi mir-rahal tal-Gharb u tibqa’ sejra lejn ir-rahal ta’ San Lawrenz. Meta t-triq tasal lejn it-tarf tal-Gharb hija tifforma ruhha fi pjazza zghira imdawwra bil-bini imbaghad tidjieq hesrem fuq in-naha tal-lemin fid-direzzjoni ta’ San Lawrenz fil-punt fejn jieqaf il-bini; tibqa’sejra ghad-dritt ghal distanza ta’cirka tmien metri u cioe’ sa fejn hemm passagg tar-raba fuq in-naha tax-xellug u fejn sehhet il-habta imbaghad tikser lejn il-lemin. Iz-zewgt ignub ta’ din il-parti tat-triq huma ta’ konfigurazzjoni irregolari b’hitan tas-sejjiegh baxxi u in parti imgarrfin. Il-parti karreggjabbli f’din il-parti tat-triq hija wiesa circa erba’ metri.

2. Minhabba l-liwja, il-vizwali ta’ min ikun gej mid-direzzjoni ta’ San Lawrenz twassal sal-istess liwja filwaqt li l-vizwali ta’ min ikun gej mill-Gharb hija xi ftit ahjar (ara d-depozizzjoni tas-Surgent Frank Gauci) kif anke kkonstata t-Tribunal meta mar fuq il-post tal-incident.

3. Meta z-zewg sewwieqa bdew jirreagixxu biex jevitaw il-habta, huma kienu t-tnejn fuq sajdhom tat-triq, boghod circa metru mill-gemb tat-triq, ghalkemm l-attur qal li seta' kien isuq ghan-nofs tat-triq qabel applika l-brejk.

4. is-sewwieqa kienu qeghdin ghaddejjin bl-istess speed tant li press-a-poko hallew l-istess tul ta' brake-marks. Dawn jindikaw li kienu ghaddejjin bl-40 km fis-siegha u li lemhu lil xulxin minn circa 17-il metru boghod. Dan ifisser ukoll li l-attur lemah lill-konvenuta meta kien ghadu fil-parti l-wiesa' tat-triq. L-attur allega li huwa lahaq waqaf u l-konvenuta waqfet biss ghax habtet fih u ghalhekk hija kienet gejja bi speed oghla minn tieghu. Dan ma jirrizultax billi l-brake-marks tal-vettura tal-attur iwasslu sa taht ir-roti ta'quddiem. Kieku l-attur kien wieqaf u l-konvenuta dahlet go fih, il-vettura tieghu kienet tintefa'xi ftit lura bl-impatt – haga li ma sehhitx. Anke t-trab tal-habta jinstab ezattament taht il-faccata tal-vettura tal-attur kif murija fl-iskizz u dan ukoll jindika li mal-habta l-karozzi waqfu u daru ftit gradi *anticlockwise* min-naha ta' wara taghom. Iz-zewg karozzi ghalhekk irreagixxew b'mod ferm simili mal-impatt u dan juri pjuttost li t-tnejn li huma kienu ghadhom mixjin meta sehhet il-habta.

5. fil-post fejn sehh l-incident, it-triq hija wiesa' ezatt kemm jghaddu zewg vetturi minn ma' gemb xulxin. Izda dan ma jistghux jaghmluh hlief jekk ikunu ghaddejjin imhaxxknin mal-hitan u bi speed baxx u b'attenzjoni kbira.

Ikkunsidra:

Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ippreseduta mill-Imhallef (Iktar tard Prim Imhallef) J Said Pullicino, in re **Aaron Scicluna vs Paul Azzopardi (15.01.1993)** sewwieq fi triq imserrpa tal-kampanja ghandu jsuq b'attenzjoni mill-iktar kbira. Il-Qorti qalet li bit-tidwir li kien fiha t-triq, is-sewwieqa ma setax ikollhom veduta cara tat-traffiku li jkun gej fuqhom. Kellhom jaghmlu uzu tajjeb mill-horn taghhom. It-triq bilkemm

kienet wiesa' bizzejjed biex jghaddu zewg karozzi. Il-Qorti qalet li ma setghetx tistabbilixxi l-htija billi tiffissa l-linja medjana sal-ahhar millimetru. Ghalhekk ir-responsabilita' ghall-incident giet spartita mill-istess Qorti nofs bin-nofs.

F'din il-kawza, il-konvenuta qalet li daqqet il-horn kemm a tempo vergine kif ukoll quddiem dan it-Tribunal, u qalet li imdorrija taghmel hekk kull meta tghaddi minn dik il-parti tat-triq. Dan ma giex kontradett mill-attur.

Illi min-naha tieghu, l-attur messu ta l-precedenza lill-konvenuta biex din tohrog mill-parti d-dejqa tat-triq. Kif inghad huwa lemaghha minn circa 17-il metru boghod u cioe' meta kien ghadu fil-parti l-wiesa' tat-triq.

Illi l-velocita' ta' 40 km fis-siegha hija entro l-limitu ta' velocita' konsentita mil-ligi anke ghal inhawi mibnija. Min-naha l-ohra, l-ispeed koncess bir-regolamenti huwa l-massimu, u s-sewwieq ghandu jilhaq dan l-ispeed biss jekk ikun prudenti li jilhqu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u in ispecje tenut kont tan-natura, kundizzjoni, uzu u konfigurazzjoni tat-triq, u tal-kwantita' tat-traffiku li f'dak il-mument ikun qed juza' jew jista jkun qed juza dik it-triq. U kif jghid majjistralment l-imhallef (Iktar tard Prim Imhallef) Luigi Camilleri fl-Appell Inferjuri 2 ta' Frar 1928 Bernardo Zammit vs Revdo. Don Edgardo Salamone – Kollezz Vol XXVII.i.988 : *ed e' certo che il regolamento non ha per ispirito di permettere a chi pur si attenesse alle sue varie disposizioni di cagionare impunemente danni ad altri …… Quando tali danni si potessero da costui prevenire ed impedire.*

Kull sewwieq huwa marbut bl-artiklu 80 tal-Kodici tal-Pulizija (fost ohrajn): *Hadd ma jista' jsuq vettura b'giri bla qies jew waqt li jkun xurban, jew jaghmel hsara lil hwejjeg haddiehor b'sewqan mhux xieraq jew bi htija ohra tieghu* – anke jekk ikun qieghed isuq entro l-limiti massimi ta' velocita'.

Ma hemmx dubbju li z-zewg sewwieqa kienu imprudenti li jghaddu minn dik il-parti tat-triq b'dik il-velocita' u, kif fuq spjegat, kien imprudenti ghall-attur li ma tax id-dritta lill-

konvenuta. Tajjeb ghamlet il-konvenuta li daqqet il-horn, ghax dan seta' serva biex l-attur ghafas il-brejkijiet u giet evitata habta ikbar. Imma dan ma kienx bizzejjed. Messha naqqset hafna l-ispeed meta avvicinat il-liwja.

Illi kif jirrapporta c-Charlesworth & Percy, *On Negligence (Sweet & Maxwell 1997) para 9-221 when there is a collision between two motor vehicles in the highway and there is no evidence pointing to one driver being any more to blame than the other, the proper inference to be drawn is that they are both to blame (Baker v Market Harborough Industrial Co-Operative Soc 1953 1. WLR 1472; Howard v Bemrose 1973 RTR 32, C. A.*

Ir-responsabilita' ghandha ghalhekk tigi spartita nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tal-hsarat sofferti miz-zewg partijiet rispettivi. Izda ghar-rigward tal-allegata kiri ta' karozza mill-attur, din hija ghal perjodu ferm esagerat – hames xhur – liema perjodu sehh ghax l-attur ma kellux flus. Milli jidher sehh ukoll ghax ma kellux xi ghaggla partikolari billi kien jissellef (huwa jghid bil-flus) diversi karozzi minghand xi hbieb. L-anqas gharaf jghid bil-kemm kien suppost jikri dawn il-vetturi. It-Tribunal ihoss li b'danakollu xi obbligazzjoni nkorra l-attur u ghalhekk sejjer jaghtih LM4 ghal tletin jum ghall-kiri tal-karozza. Ghalhekk l-attur sofra total ta' danni ta' LM565 li minnhom ghandu jircievi LM282.50 minghand il-konvenuta. Min-naha l-ohra l-konvenuta sofriet LM680 li minnhom ghandha tircievi LM340 minghand l-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' LM282.50 komputata kif fuq spjegat; jilqa' l-kontro-talba tal-konvenuta limitatement ghas-somma ta' LM340 u bi tpacija tat-talba mal-kontro-talba jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' LM57.50. Spejjez ta' din il-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet."

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju li t-Tribunal naqas li japprofondixxi d-dinamika tal-incident.

Huwa jissottometti f'dan il-kuntest illi t-Tribunal kien zbaljat meta ddeduca li z-zewg konducenti kienu pressapoco qed isuqu bl-istess velocita` u meta fuq l-evalwazzjoni tieghu tal-brake-marks ma accettax il-verzjoni tieghu li hu kien lahaq waqaf qabel l-impatt. In sostenn ta' din it-tezi tieghu l-appellanti jadduci b'ragonament il-fatt tan-natura u l-gravita` tal-hsarat u l-fatt li mad-daqqa l-vettura tal-appellata ntrefghet minn wara.

Il-konvenuta rikonvenzjonanti tikkontrastalu dan l-aggravju billi ghalih wiegbet kif gej:-

i. Qabel xejn esprimiet certu dubbju dwar kemm kien konsentit dritt ta' appell lill-attur;

ii. Fil-meritu, l-fatti gew sew interpretati mit-Tribunal u allura mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament li sar mill-istess Tribunal.

In kwantu ghas-suspett, u mhux ukoll ta' xi vera pregudizzjali, sollevat mill-appellata ghandu jigi osservat illi bl-introduzzjoni tas-subinciz (3) ghall-Art 8 ta' l-Att V ta' l-1995, rez applikabbli bl-Avviz Legali 161/2003, issa hu permissibbli dritt ta' appell fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Art 3(2), jaqbez il-hames mitt lira. Fil-kaz de quo kemm it-talba, kif ukoll il-kontro-talba, jeccedu dan l-ammont u allura ma jidherx li kien il-kaz li l-appellata tqajjem id-dubbju taghha dwar id-dritt ta' l-appell f'dan il-kaz.

Minn dak li jirrizulta mis-sentenza appellata skond l-opinjoni tat-Tribunal z-zewg sewwieqa kellhom jigu ritenuti fi htija ta' negligenza kontributorja in kwantu, b'mod generali, naqsu milli josservaw certi regoli ta' prudenza. Sostanzjalment, dik is-sentenza sabet li z-zewg konducenti kienu mprudenti li f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-iskontru, jsuqu bil-velocita` dikjarata minnhom.

Issa fl-appell tieghu l-attur appellant jaskrivi l-htija ghall-kollizjoni fuq il-konvenuta u jsostni li hu gie milqut mill-konvenuta bil-vettura taghha meta hu kien prattikament wieqaf. B'dimostrazzjoni ta' dan huwa jaccenna ghal certi

kostatazzjonijiet hawn fuq gja ri-epilogati. L-allegazzjonijiet centrali tal-appellanti gew kontestati mill-appellata u ndeboliti wkoll minn certi fatturi ohra riskontrati mit-Tribunal. Skond ir-riljievi tieghu t-Tribunal iddetermina illi l-brake marks mhollija mill-vettura tal-appellanti ma kienux jissufragaw din it-tezi. Fil-fatt jissokta jigi rilevat, dejjem mit-Tribunal, illi l-karozza tal-attur ma gietx spustata lura bid-daqqa u effettivament iz-zewg vetturi irreagaw b'mod konsimili mal-impatt. Ghat-Tribunal dan kollu hu dimostrattiv tal-fatt illi huwa mprobabbli li l-vettura tal-appellant kienet wieqfa jew kwazi wieqfa.

Rivalutati l-provi attendibbli din il-Qorti ssib illi l-indikaturi ta' fatt l-aktar rilevanti u konsiderati fl-assjem taghhom - speed, topografija tal-lokalita`, l-vizwali mpedita mill-konfigurazzjoni tat-triq, u dawk r-res gestae l-ohra kollha oggettivament rizultanti bhal ma huma l-liwja u djuq tat-triq transitata – jikkostitwixxu elementi accertati u sufficcjenti li jikkompletaw id-dinamika tas-sinistru u li jiddemostraw certa nuqqas ta' prudenza da parte taz-zewg drivers b'tali mod li jista' jinghad li dawn ma kienux qed isegwu dak komunement maghruf bhala "a proper look out".

Xejn ma jiswa l-argoment tal-appellanti illi ghax id-danni tieghu kienu magguri ghal dawk tal-konvenuta ergo dan bhal speci kellu ghaldaqshekk jikkonvinci illi kienet il-vettura tieghu li qalghet id-daqqa ghax hu kien wieqaf. Dan l-argoment la hu accettabbli u lanqas perswaziv. Ghax apparti l-fatt li mhux minnu li d-danni tieghu kienu akbar minn dawk tal-konvenuta, meta tnaqqas mis-somma pretiza l-ammont attribwit ghal kiri ta' vettura, l-istess argoment ma jregix u lanqas ma jservi biex jezonerah.

Huwa principju pacifiku fil-ligi illi min ikun isuq vettura ghandu juza dawk il-mezzi kollha biex jevita l-incidenti. Li jfisser wkoll illi anke jekk talvolta jigi stabbilit illi driver ikun osserva anke rigorozament ir-regolamenti xorta wahda mhux eskluz mill-htija. Kif drabi ohra ritenut, "il regolamento non ha per ispirito di permettere a chi pur si attenesse alla sue varie disposizioni di cagionare impunemente danni ad altri, non istante che questi

fossero in contravvenzione, quando tali danni si potessero da costui prevenire ed impedire” (**Kollez Vol. XXVII pI p988**).

Fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz l-attur appellanti, similment bhall-konvenuta appellata, ma rnexxilux jiskansa l-konsegwenzi tal-imgieba tieghu fil-konduzzjoni tas-sewqan. Ghalhekk ma jistghax issa jippretendi li ma kienx hemm ukoll htija kontributorja da parte tieghu. Htija li, gustament it-Tribunal, apporzjona aritmetikament bejn iz-zewg konducenti.

Anke f’dan il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal tbieghed mill-principju tad-dritt, akkolt ukoll fil-gurisprudenza taghna, illi “huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha l-htija tigi kondiviza. U allura fejn il-htija ma tkunx tista’ tigi maqsuma b’certezza, r-responsabilita` tigi spartita ugwalment” (**Kollez Vol XLVIII pI p59**).

Dan premess, il-Qorti ma thossx imbaghad li tista’ takkolji l-proposizzjoni tal-konvenuta appellata in coda ghar-risposta ta’ l-appell taghha. Din il-Qorti ma tara xejn hazin li t-Tribunal ghamel tpacija gudizzjali bejn iz-zewgt idjun naxxenti mill-istess incident stradali. Dippju l-appellata dejjem jibqala’ d-dritt li tirreklama l-bilanc dovut lillha minghand l-assikurazzjoni tal-attur, attiz li sar l-att gudizzjarju opportun.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza a karigu tal-attur appellant. Dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mit-Tribunal.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------